MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2008

Citazzjoni Numru. 222/2008

Ballut Blocks Services Limited
vs
La Vallette Developments Ltd

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors ta’ Paul Vella, direttur ta’ Ballut Blocks Services Limited li bih eccepixxa:

**<u>Dikjarazzjoni ta’ l-Oggett tal-Kawza</u>**

1. Illi s-socjeta` rikorrenti hija kreditrici tas-socjeta` intimata fl-ammont ta’ tnejn u tletin elf mija u tlieta u disghin euro u sitta u tletin euro centezmi (€32,193.36) gia` ekwivalenti ghal tlettax-il elf, tmien mija u ghoxrin lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm13,820.61) rapprezentanti prezz ta’ xoghol ta’ tqeghid ta’ ***concrete piles*** u fornitura ta’ materjal relatat mal-istess xogholijiet, liema xoghol gie mwettaq mis-socjeta` rikorrenti fuq

inkarigu tas-socjeta` intimata fil-fond Ronald, 22, Triq Misrah il-Barrieri, Msida, proprjeta` tas-socjeta` intimata u dan kif jirrizulta mill- fattura annessa mar-rikors bhala Dok. ‘BBS1’.

2. Illi l-imsemmi ammont huwa dejn cert, likwidu u dovuti u, fil-fehma ta’ l-istess socjeta` rikorrenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh, billi fil-fehma ta’ l-istess socjeta` rikorrenti, is-socjeta` intimata m’ghandha ebda eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba ghall-hlas ta’ l-imsemmi ammont.

3. Illi ghalkemm is-socjeta` intimata giet interpellata ripetutament sabiex thallas l-imsemmi ammont, anki permezz ta’ ittra legali datata 7 ta’ Dicembru 2007, hija baqghet inadempjenti u ma hallsitx.

4. Illi dawn il-fatti maghrufa lir-rikorrent ***nomine*** personalment.

**<u>Raguni tat-Talba</u>**

1. Illi kif diga premess, ghalkemm is-socjeta` intimata giet interpellata ripetutament sabiex thallas l-imsemmi ammont, anki permezz ta’ ittra legali datata 7 ta’ Dicembru 2007, hija baqghet inadempjenti u ma hallsitx.

2. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

**<u>Talbiet</u>**

Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi, ir-rikorrent ***nomine*** talab lil din il-Qorti sabiex, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh, ghall-finijiet ta’ l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata li thallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta’ tnejn u tletin elf mija u

tlieta u disghin euro u sitta u tletin euro centezmi (€32,193.36) gia` ekwivalenti ghal tlettax-il elf, tmien mija u ghoxrin lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm13,820.61) rapprezentanti prezz ta' xoghol ta' tqeghid ta' ***concrete piles*** u fornitura ta' materjal relatat mal-istess xogholijiet, liema xoghol gie imwettaq mis-socjeta` rikorrenti fuq inkarigu tas-socjeta` intimata fil-fond Ronald, 22, Triq Misrah il-Barrieri, Msida, proprjeta` tas-socjeta` intimata.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 7 ta' Dicembru, 2007, dawk relattivi ghall-mandat ta' sekwestru u l-mandat ta' inibizzjoni kontestwalment prezentati, oltre l-imghaxijiet legali sal-jum ta' l-effettiv pagament, kontra s-socjeta` intimata rapprezentanti ta' liema gew ingunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta' rikorrenti.

**B. PROVI:**

Rat illi s-socjeta` intimata debitament notifikata skond il-ligi ma deher hadd ghaliha fis-seduta tal-lum.

Xehed Paul Vella, direttur fis-socjeta` rikorrenti u qal li minn meta ipprezentaw r-rikors guramentat sal-lum ma sar ebda hlas u ghalhekk l-istess ammont ghadu dovut.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti jidhru gustifikati, u peress li hemm lok li din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh ghall-finijiet ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti u tikkundanna lis-socjeta` intimata li thallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta' tnejn u tletin elf mija u tlieta u disghin euro u sitta u tletin euro centezmi (€32,193.36) gia` ekwivalenti ghal tlettax-il elf, tmien mija u ghoxrin lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm13,820.61) rapprezentanti prezz ta' xoghol ta' tqeghid ta' ***concrete piles*** u fornitura ta' materjal relatat mal-istess xogholijiet, liema xoghol gie imwettaq mis-socjeta` rikorrenti fuq inkarigu tas-socjeta` intimata fil-fond Ronald,

22, Triq Misrah il-Barrieri, Msida, proprjeta` tas-socjeta` intimata.

Spejjez kontra s-socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------